**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Lulju 2020;</u>**

**<u>Rikors nru: 133/2020 AGV;</u>**

**AB**

**vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB,** datat 18 ta' Mejju 2020, fejn espona bir-rispett;

1. Illi l-partijiet zzewwgu nhar is- 6 ta' April 1991, fil-Knisja Parrokkjali tal-Fgura, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness , u mmarkat Dok. A;
2. Illi minn daz-zwieg twieldu zewgt ulied, DB, illi twieldet nhar it- 28 ta' Marzu 1992, U EB, li twieldet nhar l- 14 ta' Lulju 1995.

3. Illi l-partijiet huma legalment separati b’ kuntratt ta’ separazzjomi konsenswali redatt min-nutar Dr. Francesca Micallef Sammut datat 27 ta’ Mejju 2011, vera kopja tal-kuntratt ta’ sepearazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok. B;
4. Illi l-imsemmija ulied illum ghandhom 28 sena u 25 sena rispettivament u ma hemm l-ebda kwistjonijiet rigwardanti manteniment tal-ulied. Ma hemm ukoll l-ebda kwistjonijiet ta’ manteniment bejn il-kontendenti fil-konfront ta’ xulxin.
5. Illi ma hemm l-ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom legalment separati mis-sena 2011, il-partijiet illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
6. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha methiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha;

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66 A et seq tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta’ Malta.
b. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghaldaqshekk mil-istess Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**Il-Qorti rat in-nota tal-intimata CB** datata 29 ta’ Lulju 2020, fejn iddikjarat li fil-waqt li mhix qed topponi ghat-talba tal-attur, ghal ghoti tad-divorzju, a skans ta’ ekwivoci, hija tirriserva kull dritt taghha ghall-pensjoni dwar ir-romol , f’ kaz li r-rikorrenti jigi nieqes qabilha.

Rat id-dokumenti esebiti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Deputat Registratur**